**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**6 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru 6/19**

**Geoffry (Geoffry John) Spiteri**

**Vs**
**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Geoffry (Geoffry John) Spiteri** ipprezentat fil-15 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' ittra datata 6 ta' Dicembru 2018 (Dok A) informa lir-rikorrenti li t-talba tieghu ghal-licenzja ta' Gwardjani Privati giet michuda u dan skont dak li hemm mahsub fl-artikolu 10(b) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*2. Illi r-rikorrenti rcieva din l-ittra permezz ta' posta registrata wara l-15 ta' Dicembru 2018 kif muri permezz ta' Dok B;*
*3. Illi huwa gie nfurmat ukoll li jekk ir-rikorrenti jidhirlu li ma kienx hemm lok ghar-rifjut tal-licenzja tieghu, bl-istess ligi huwa kellu d-dritt li jressaq sottomissjonijiet b'rikors quddiem dan it-Tribunal u dan skont id-disposizzjonijiet tal-istess Att hawn fuq citat;*
*4. Illi r-rikorrenti hassu aggravat bir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tinhareg lilu l-licenzja ta' Gwardjan Privat u umilment qieghed iressaq dan ir-rikors;*
*5. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplice hafna;*
*6. Illi r-rikorrenti wara li attenda kors appozitu applika sabiex tinhariglu l-licenzja ta' Gwardjan Privat. Sabiex ghamel dan huwa ssottometta d-dokumenti kollha mehtiega u mitluba sabiex tigi accettata l-applikazzjoni tieghu. Jidher pero' li l-Kumissarju tal-Pulizija rrifjuta l-applikazzjoni tieghu fl-interess pubbliku;*
*7. Illi l-aggravju f'dan il-kaz huwa semplice;*
*8. Illi l-applikazzjoni ghal-licenzja ta' Gwardjan Lokali tar-rikorrenti tidher li giet rifjutata skont dak li hemm mahsub fl-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta ossia fl-interess pubbliku;*

*9. Illi kemm fil-kaz il-**Pulizija (Spettur RAYMOND AQUILINA) kontra GEOFFREY SPITERI** preseduta mill-Magistrat MIRIAM HAYMAN deciza fil-21 ta' Jannar, 2011 u anke fil-kaz il-**Pulizija (Sp Maurice Curmi) vs Geoffrey John Spiteri** preseduta mill-Magistrat Antonio Mizzi u deciza fil-11 ta' Ottubru, 2011 l-appellant gie lliberat that il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum;*
*10. Illi fil-kaz il-**Pulizija (Spettur Chris Pullicino) kontra Geoffrey Spiteri et.** deciza mill-Magistrat Gabriella Vella fit-30 ta' April, 2013 il-Qorti sabet lill-imputat hati wara li ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu fi stadju bikri kkundannatu ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija izda sospizi ghal erba' (4) snin b'effett mil-lum;*
*11. Illi l-applikazzjoni odjerna tal-applikant tmur ben oltre l-perjodu ta' erba' (4) snin li matulu r-rikorrenti ma xellifx dufrejh mal-gustizzja, f'liema perjodu r-rikorrenti ra li jfittex xoghol sigur waqt li ma jxellifx idu mal-gustizzja;*
*12. Illi fl-umli opinjoni tar-rikorrenti meta tqis l-assjem tal-fatti r-raguni tar-rifjut tal-Kummissarju intimat ma hix wahda gusta u ragjonevoli fic-cirkostanzi u ghaldaqstant din ghandha tigi rikonsidrata fid-dawl tal-fatt li wiehed juri li jkun tghallem mill-izbalji tieghu tal-passat u li ma regax irrepeta;*
*13. Illi filwaqt li l-ligi taghti lill-Kummissarju tal-Pulizija d-diskrezzjoni tieghu biex jasal ghal decizjoni, din id-diskrezzjoni fdata lilu trid titwettaq b'mod ragjonevoli, b'ekwita' u haqq u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni;*
*14. Illi hawn si tratta kaz ta' bniedem li rriforma ruhu mit-triq li kien qabad u huwa kontra kull sens li fuq naha nitkellmu dwar riforma u rijabilitazzjoni imma mbaghad l-awtoritajiet tal-pajjiz jikkundannawh ghal hajtu kollha;*
*15. Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-esponenti ma jistax jifhem ghalfejn huwa fl-interess pubbliku li huwa ma jkollux licenzja ta' Gwardjan Privat;*
*16. Illi ghalhekk jidher car li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat fic-cahda tal-licenzja tar-rikorrenti.*
*Ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrenti qieghed umilment jitlob sabiex dan it-Tribunal jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrifjuta t-talba tar-rikorrenti ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat u fic-cirkostanzi jaghti dawk il-provvedimenti li dan it-Tribunal ihoss."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 23 ta' Jannar 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-
"

1. *Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mil-attur fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża.*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi xejn mhu minnu li 'l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat fic-cahda tal-licenzja tar-rikorrenti'.*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi l-attur għandu diversi sentenzi kontrih mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fosthom; **Il-Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) Kontra Geoffrey Spiteri deciza fil-21 ta' Jannar 2011**, dwar falsikazzjoni fost reati ohra, **Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Geoffrey***

***John spiteri** deciza fil-11 ta' Ottubru 2011, dwar falsikazzjoni fost reati ohra u **l-Pulizija (Spettur Chris Pullicino) Kontra Geoffrey Spiteri et**, dwar serq fost reati ohra.*

4. *Illi in vista ta' dawn is-sentenzi, li l-maġġor parti tagħhom huma relattivament riċenti u abbazi taghhom ir-rikorrent kien recidiv, l-esponent Kummissarju rrifjuta l-applikazzjoni fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi l-esponent jirrileva li l-Kummissarju tal-Pulizija f'tali ċirkostanza għandu jeżerċita l-obbligi tiegħu b'diskrezzjoni u tali persuna li hija fdata b'diskrezzjoni bħal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha twettaq id-deċiżjoni tagħha b'mod raġjonevoli, b'ekwita, ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Fil-każ odjern l-esponent jisħaq illi huwa, permezz tad-diskrezzjoni fdata lilu, għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu l-liċenzja mal-interess pubbliku in ġenerali. Iżda ġialadarba hemm sentenzi kontra l-attur, il-Kummissarju tal-Pulizija kellu dmir jevalwa l-applikazzjoni tal-licenzja ta' gwardjan privat in vista tal-istess sentenzi.*

6. *Illi l-esponenti jixtieq jieħu l-okkazjoni li jsemmi żewġ sentenzi li fihom dan l-Onorabbli Tribunal apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi biex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrent irid jirrikonoxxi illi l-liċenzja li applika għaliha hu, iġġorr magħha ċertu piż u responsabilità, peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika, u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet **David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija**, deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*It-Tribunal jibda biex josserva li ghalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` htija ghal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` htija ghal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu ghat-twettiq ta` dak ir-reat ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tinghata licenza ta` Gwardjan Privat. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gustament ha dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta` licenza ta` Gwardjan Privat......*

*B'hekk ghalkemm ir-Rikorrent certament ma huwhiex ta` xi minacca ghas-socjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess Rikorrent kellu jinghata licenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` gid ghalih u ghas-socjeta`. Konsegwentement ghalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*

7. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe`* <u>*mhux biss*</u> *b'rabta ma` xi biza` illi l-applikant jista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali biss.*

8. *Illi għal darba oħra, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Daniel Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija****, deciza fil-11 ta` Gunju 2012, intqal illi:*

   *Kif gustament osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija waqt it-trattazzjoni tal-kaz is-servizzi ta` gwardjani privati skont kif jirrizultaw mill-Artikolu [2] tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta` Malta, huma tali li ma jistax jigi permess li persuna li agixxiet bil-mod kif ghamel ir-Rikorrent ikollha licenza ta` Gwardjan Privat. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa korrett meta jqis li r-Rikorrent ma ghandux karattru sod bizzejjed u ma huwhiex sufficjentement affidabbli biex jigi permess lilu jahdem bhala Gwardjan Privat.*

9. *Fic-cirkostanza ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta li jgedded il-licenza ta` Gwardjan Privat tar-Rikorrent in bazi ghall-interess pubbliku skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta` Malta hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata.*

10. *Illi minkejja li l-attur ma ingħatax il-liċenzja ta' gwardjan dan ma jfissirx li l-istess attur huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol ieħor; dan jfisser biss illi ma jistax jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat proprju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xi xogħol illi l-attur huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lill-attur milli jagħmel tali xogħol u għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponent. Il-Kummissarju tal-Pulizija wara li joħroġ il-liċenzja ma għandu ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjoni se jsib ruħu, b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandu kull dmir li jiżen sew iċ-ċirkostanzi u jieħu deċiżjoni skont kif tkun mitluba minnu ai termini stipulati fil-Liġi.*

11. *Illi għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku li joħroġ il-liċenzja ta' gwardjan privat lill-attur fid-dawl tar-reati kommessi u fl-aħjar interess pubbliku.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tal-attur fl-interita' tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess attur."*

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 6 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Naghmel referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat.*
*Ghandi ninfurmak li din l-applikazzjoni giet rifjutata, fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Ligijiet ta' Malta).*
*Dan qed isehh wara li gew ikkunsidrati sentenzi moghtija fil-konfront tieghek mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;*
*1. Nhar il-21 ta' Jannar 2011 dwar falsifikazzjoni, fost reati ohra;*
*2. Nhar il-11 ta' Ottubru 2011 dwar falsifikazzjoni, fost reati ohra;*
*3. Nhar it-30 t'April 2013 dwar serq, fost reati ohra."*

Illi ghalhekk dan l-appell jitratta dwar rifjut ai termini tal-artiklu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-Kummissarju intimat irrifjuta li johrog licenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent. Illi l-artiklu 10 (b) jghid is-segwenti:-

*"**10.** Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-cirkostanzi li ġejjin:*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi r-rapprezentant tal-Kummissarju intimat, l-Ispettur Sarah Magri, esebiet erba' (4) sentenzi li nghataw fil-konfront tar-rikorrent u kif ukoll il-fedina penali tieghu. Mis-sentenzi esebiti jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi permezz ta' sentenza datata 21 ta' Jannar 2011 ir-rikorrent kien instab hati talli fix-xhur ta' Frar u Marzu 2009, fost affarijiet ohra, ikkommetta reati relatati ma' falsifikazzjoni ta' certifikati tal-VRT u ghal dawk ir-reati gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;
2. Illi permezz ta' sentenza datata 11 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrent kien instab hati talli f'Marzu 2010 ikkommetta reati, fost affarijiet ohra, relatati ma' falsifikazzjoni ta' certifikati tal-VRT u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;
3. Illi permezz ta' sentenza datata 30 ta' April 2013 ir-rikorrent instab hati talli fl-2013 wettaq serq aggravat bil-valur, bil-lok u bil-persuna u gie kkundannat terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin.

4. Illi permezz ta' sentenza datata 24 ta' Settembru 2014 ir-rikorrent instab hati ta' reati relatati mal-kacca tal-ghasafar u gie mmultat hames mitt ewro (€500).

Illi l-Ispettur Magri xehdet illi l-iktar li ttiehdu in konsiderazzjonji kienu s-sentenzi dwar il-falsifikazzjoni tac-certifikati tal-VRT u r-reat ta' serq stante li dawn jammontaw ghal reati kontra l-fiducja pubblika.

Illi r-rikorrent ma gab l-ebda prova biex isostni l-aggravji tieghu.

Illi minkejja dan it-Tribunal xorta ezamina jekk il-Kummissarju intimat kienx gustifikat fl-ezercizzju li ghamel biex wasal ghad-decizjoni in kwistjoni.

Ma hemmx dubju li fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ghal talba ghall-hrug ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jezercita d-diskrezzjoni tieghu u fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*[1] Fis-sentenza *Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation ([1948] 1 KB 223 at 229)* Lord Greene MR osserva li: *it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the redhaired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.*

*This has become the most frequently cited passage (though most commonly cited only by its nickname) in administrative law. It explains how 'unreasonableness' in its classic rule of reason formulation, covers a multitude of sins. These various errors commonly result from paying too much attention to the mere words of the Act and too little to its general scheme and purpose, and from the fallacy that unrestricted language naturally confers unfettered discretion.*

---

[1] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.

*The rule of reason has thus become a generalised rubric covering not only sheer absurdity or caprice, but merging into illegitimate motives and purposes, a wide category of errors commonly described as 'irrelevant considerations', and mistakes and misunderstandings which can be classed as self misdirection, or addressing oneself to the wrong question."*[2]

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[3] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea o meno ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi x-xoghol ta' gwardjan privat jirrikjedi certu dixxiplina u kwindi l-Kummissarju intimat irid jizen l-interess tal-pubbliku in generali kontra l-interess tal-applikant li tinhariglu l-licenzja in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jaqbel mal-Kummissarju intimat li kellu jirrifjuta l-ghoti tal-licenzja de quo in vista tar-reati mwettqa mir-rikorrent anke wara li l-Qorti, ghal darba darbtejn kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor. Ghal dan it-Tribunal dan il-fatt ifisser li r-rikorrent ma tghallimx mill-izbalji tieghu u rega' wettaq reat iehor. Dan juri non-konsiderazzjoni ghal-ligijiet ta' pajjizna. Iktar minn hekk, l-istess rikorrent lanqas indenja ruhu

---

[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303 u 304.

[3] "servizzi ta' gwardjani privati" tfisser kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta' persuni, korporata jew le, dwar -
(a) il-prevenzjoni jew kxif ta' intrużjoni, dħul jew attività mhux awtorizzata, vandaliżmu jew dħul abbużiv fi proprjetà privata;
(b) il-prevenzjoni jew il-kxif ta' frodi jew serq, telf, approprjazzjoni indebita jew ħabi ta' merkanzija, flus, bonds, stocks,noti jew dokumenti jew karti oħra;
(ċ) il-kontroll, ir-regolazzjoni jew id-direzzjoni tal-moviment tal-pubbliku f'arei privati jew ristretti, sew bl-użu ta' vettura jew xort'oħra, biex tkun assigurata l-protezzjoni ta' proprjetà;
(d) il-protezzjoni ta' individwi minn offiżi fuq il-persuna;
(e) il-protezzjoni tal-proprjetà;
(f) il-provvista ta' persuni sabiex jgħassu flus jew xi proprjetà oħra li tkun qed tinġarr jew il-provvista ta' trasport għal dawk il-flus jew proprjetà oħra;
(g) il-provvista ta' armoured cars għall-ġarr ta' dawk il-flus jew proprjetà oħra;
(h) il-provvista, l-istallazzjoni u manutenzjoni ta' safes,alarms, u tagħmir ieħor ta' sigurtà jew oġġetti anċillari kif il-Ministru jista' jippreskrivi;
(i) servizzi ta' investigazzjoni privata;
(j) il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza dwar is-sigurtà;
(k) it-tħaddim ta' post fejn jingħataw faċilitajiet għal depożiti f'safes barra minn dak it-tħaddim minn banek;
(l) kull servizz ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għalżmien b'ordni jippreskrivi,
iżda ma tinkludix xi servizzi ta' gwardjani privati provduti li persuna, barra minn aġenzija ta' gwardjani privati jew Kunsill Lokali, minn impjegat tagħha kemm full-time, part-time jew każwali."

jidher quddiem dan it-Tribunal biex forsi jikkonvincih illi huwa ta' min jafdah u jixhed dwar xi progress seta' ghamel f'hajtu f'dawn is-snin. Certament it-Tribunal ma jistghax jistrieh fuq l-awto-certifikazzjoni imsemmija fir-rikors promutur illi r-rikorrent irriforma ruhu.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi kemm fis-sentenza tal-21 ta' Jannar 2011 u fis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrent gie misjub hati ta' reati kommessi kontra l-fiducja pubblika ai termini tat-Titolu V tal-Kodici Kriminali. Illi dan il-fatt wahdu jimpedixxi lir-rikorrent milli jinghata licenzja ta' gwardjan privat stante li skond artikolu 10 (1) (a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju **intimat ghandu** jirrifjuta applikazzjoni ghal gwardjan privat jekk l-applikant ikun instab hati ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika. Kwindi, anke jekk din ir-raguni mhix imnizzla fid-decizjoni appellata, fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal, l-applikazzjoni tieghu tfalli serjament anke fid-dawl ta' dak appena citat.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fid-decizjoni mehuda mill-Kummissarju intimat u ghaldaqstant qieghed jikkonfermaha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**